**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 2 ta' Frar, 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**
**-vs-**
**Frederick Mifsud detentur tal-karta tal-identità bin-numru 4284M**

*Kumpilazzjoni Nru. 251/2020*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Frederick Mifsud** u ċioè talli:

Nhar it-30 ta' Mejju, 2020, għall-ħabta ta' nofsinhar, ġewwa Triq il-Vittorja, Ħal Qormi:

(i) Ikkommetta serq (ta' vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AAL 536), liema serq huwa aggravat bil-valur u xorta tal-ħaġa misruqa, u dan għad-dannu ta' Carmel Mifsud u/jew persuni oħra;

U talli nhar il-05 ta' Ġunju, 2020, għall-ħabta tal-23.15 ta' filgħaxija ġewwa Wied iż-Żurrieq:

(ii) Volontarjament ta n-nar lil vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AAL 536, tal-għamla Daewoo Racer, iżda meta fil-waqt ma kien hemm ebda persuna ġewwa u din il-vettura kienet qegħda b'mod li ma tistax tqabbad ħruq f'bini ieħor, għarix jew lok ieħor, fejn waqt il-ħruq ma kienx hemm xi persuna ġewwa.

Barra minn dan, l-imputat Frederick Mifsud kien akkużat ukoll talli rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-11 ta' Gunju, 2020, mizmuma minn din il-Qorti, l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni.

Rat li fis-seduta tal-20 ta' Jannar, 2021, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba w hu nghata zmien xieraq sabiex jekk xtaq jerga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura serja tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat fejn l-ewwel imputazzjoni jgorr piena minima ta' sentejn prigunerija. Ittiehed kont tal-fedina penali mtappna tieghu minn fejn jirrizulta li l-imputat hu recidiv kemm taht l-artikolu 50 kif ukoll taht l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali.

Konsiderazzjoni nghatat ukoll lil dak li kkonstataw l-esperti mahtura minn din il-Qorti minn fejn irrizulta li Mifsud ghandu *learning disability* li ggravat wara l-*head injury* li soffra kif ukoll ibghati minn diffikultajiet fl-*executive functioning* tieghu. Ikompli l-espert Cassar: *"Ghal daqs tant minhabba dan kollu l-esperti jirrelataw ikun importanti li s-Sur Mifsud jitpoġġa fuq ordni tal-komunita skond Kap. 525 tal-ligi tas-sahha mentali u jitpoġġa taht kura ta' espert fil-learning disability li*

*f'Malta huwa Dr. Jean Pierre Georgio. Ikun ghaqli li dan l-espert psikjatra jirreferi lis-Sur Mifsud ukoll ghand newrologu ghal iktar osservazzjoni u kura.".*[1]

Madanakollu tenut kont li l-imputat hu recidiv ma tistax tinghata sentenza sospiza li kienet tippermetti li l-imputat jitqieghed fuq ordni ta' kura fil-komunita` ai termini tal-Kapitolu 525 tal-Ligijiet ta' Malta. Lanqas ma ntwera li dan il-kaz jimmerita ordni ta' probation, tant li l-ordni provvizorja ta' supervizjoni li nghatat nhar l-4 t'Awissu, 2020 ma lahqietx l-iskop li ghalih nharget. Mhux talli Mifsud falla l-appuntamenti li nghatwlu izda sahansitra fil-mori ta' dawn l-istess proceduri, Mifsud attakka mara fil-Belt u kkagunalha feriti gravi.[2]

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 261(c)(g), 267, 271(g), 279(a), 280(1), 289 u 318 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu w tikkundannah ghall-prigunerija ta' 30 xahar.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex **immedjatament** jibda jigi segwit minn psikjatra espert fil-*learning disability* kif ukoll minn newrologu.

Inoltre` b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil imputat jhallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' **€914,14** rapprezentanti spejjez peritali.[3]

Il-Qorti tordna li kopja ta' dina is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva Kordin u lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

---

[1] Fol.25

[2] Fol.52

[3] Dan l-ammont ma jinkludix l-ispejjez relatati mal-hatra ta' Dr. Joseph Cassar u Dr. Kristina Bettanzana